# IL-BULETTINI TAL-PREĊETT TA' L-GĦID

minn J.F.PORSELLA-FLORES

Id-drawwiet popolari insibuhom anki fl-affarijiet religjuzi, pereezempju fl-uzu ta,-bulettini tal-precett ta' l-Ghid. Billi din id-drawwa issa ilha madwar ghoxrin sena li nqatghet, tajjeb li wiehed isemmiha fost it-tifkiriet ta' l-imghoddi.

Bhalma jafu l-qarreja, wiehed mill-hames precetti tal Knisja hu li tqerr u titqarben ghall-anqas darba fis-sena. Il-gurnata taghzilha int, izda fis-zmien li tistabbilixxi l-Knisja. L-ahjar zmien huwa ta' l-Ghid, wara li wiehed ikun mar jaghmel kors ta' ezercizzi spiritwali!

Allura kienu jirrikorru ghas-sistema tal-bdil tal-bulettin, jigifieri, sinjal li jixhed, li wiehed ikun issodisfa dan il-precett tal-Knisja.

Il-bulettin kien jinghata ahgll-ewwel darba taht forma ta' santa, wara li t-tifel jew tifla jkunu ghamlu l-ewwel tqarbina, imsejha wkoll il-Precett, kif ghadna nghidu u ghadu jsir sallum.

Hekk kif joqrob zmien ir-Randan, il-kappillan kien izur id-djar tal-parruccani tieghu, jigbor il-bulettini tas-sena ta' qabel, u jhalli flokhom ohrajn, wiehed ghall-kull membru tal-familja li ghandu jwettaq dan id-dmir. Imbaghad f'gurnata bejn Hadd il-Passjoni u Hadd it-Trinita', meta wiehed jersaq jitqarben bl-intenzjoni li jwettaq dan id-dmir tieghu, jibdel dan il-bulettin ma' iehor li jghid li wiehed resaq jitqarben.

Il-bulettin li jservi biex wiehed jersaq ghat-tqarbin, fih il-kliem bil-latin: "Signum admissjonis Ad Paschale Praeceptum Adimplendum" jew kliem iehor li jixbhu li bil-Malti jfisser: "Sinjal biex wiehed iwettaq il-precett ta' l-Ghir." Malli wiehed jitqarben, jaghti dan il-bulettin lill-abbati li jkun mas-sacerdot li jibdilulu ma' iehor li fih dan il-kliem: "Panem coelestem accepit tempore Paschali", jew kliem iehor jixbhu, li bil-Malti jfisser: "Tqarben fi zmien il-Ghid."

Il-bulettini kienu jkunu ttimbrati wkoll bis-sena, isem il-knisja u isem il-kappillan, jew rettur ta' dik il-knisja. B'dan il-mod, meta s-sena ta' wara il-kappillan kien jerga' jzur id-djar, biex jiehu lura l-bulettini tas-sena

ta' qabel, kien jista' facilment jikkontrolla min issodisfa dan id-dmir jew le.

Il-parruccani kien ikollhom il-facilitajiet kollha biex jibdlu l-bulettin fil-knisja fejn soltu jmorru ghall-quddies. Per ezempju, l-knejjes tal-patrijiet li mhumhiex parrocci, kienu jistampaw il-bulettini taghhom. Anki l-kappillani tat-tliet servizzi kienu jipprovdu bulettini ghan-nies tas-servizz ta' l-Ajru(R.A.F.), ta' l-art(K.O.M.R. jew R.M.A.) u tal-bahar(Rpyal Navy). Dan ghax kien ikun diffi-cli ghalihom li jmorru jwettqu dmirhom fil-parrocca taghhom. Il-membri tal-korp tal-pulizija ukoll kienu jistghu jaghmlu l-Precett fil-kappella tad-Depot li kellhom fil-Belt, ghax anke dawn, minhabba d-dmirijiet taghhom setghu isibuha difficli li jmorru jitqarbnu f'xi knisja tar-rahal taghhom.

Anke l-morda ta' l-isptarijiet u l-habsin kien jinghata-lhom bulettin mill-kappillan ta' l-isptar jew tal-habs, skond il-kaz. Isimhom kien jimkiteb fuq il-bulettin sabiex meta jmorru lura ddar, imorru bih ghand il-kappillan taghhom.

Min ikun bidel l-indirizz tieghu minn rahal ghAll-iehor, kien jaghti lill-kappillan il-bulettin tal-parrocca fejn kien joqghod qabel. Jekk xi hadd ikun tilef il-bulettin, xorta wahda kien jakkwista iehor, ghax il-kappillan kien ikun jaf sewwa l-parruccani tieghu. Min ma jkunx lahaq bidel il-bulettin tieghu fi zmien ghaxar gimghat li semmejna, kien jinhtieglu l-ewwel imur jistqarr dan in-nuqqas tieghu lill-konfessur, li kien umbghad jiehu hsieb li bl-akbar sekretezza jirrangalu biex jibdlu u hekk jigi in regola.

Tista' tghid li kulhadd kien ikun herqan li juri li kien qeda' dmiru mhux ghal-wicc in-nies, izda ghaliex l-insara jipprattikaw it-taghlim tal-Knisja. Dak il-wiehed l-hemm u l-hawn li seta' kien imbieghed mill-Knisja, kien ikun maghruf minn kulhadd; allura kien ikun tort tieghu biss, jekk, meta jmut, jigi michud minn difna f'art imbierka.

Ftit ilu sirt naf minn ghand wiehed patri anzjan, li l-uzu tal-bulettin kienet haga lokali. Ghaldaqstant hi haga aktar f'waqtha li nfakkru, fost id-drwawwiet ta' l-imghoddi, din il-wahda tipitkament maltija.

Paulus Vella

ADIMPLEVIT PRÆCEPTUM
**PASCHALE**
IN NOSOCOMIO INGHIERET
***Anno*** 1950 die 2 Aprilis.

Fr. Elias a Villa Lia O.F.M.Cap.
***Capellanus***

---

Carmelo Fraggieri

*ADIMPLEVIT*

*PASCHALE PRAECEPTUM*

*A.D. 1934*

Sac. Gius. Calleja Cassar
*Cappellanus.*
Prig. Ci. Corradino

---

✝

**PRÆCEPTUM PASCHALE**
**In Castris "MELLEHA"**
PRIMÆ COHORTIS
"REGIÆ LEGIONIS MELITENSIS"
MILES ADIMPLEVIT
**A. D. 1941.**

"I/K.O.M.R." EMM. T. BORG D.D.
CAPP. MILIT. "I/R.L.M."

---

**ADIMPLEVIT**
PRÆCEPTUM PASCHALE
VALLETTÆ
**IN SACELLO VIGILUM**
QUI PUBLICÆ SECURITATI PRÆSUNT
ANNO DOM. 1934

Can. P. A. Vella
*Cappellanus.*

---

BULETTINI TAL - PRECETT
TA' L-GHID (ara p.36-7)

F'din il-faccata:

Bulettini fuq ix-xellug:

li kienu jintuzaw minnnies ta' l-Ingieret, u mis-suldati u ohrajn tas-sigurta' pubblika.

Fuq il-lemin, fuq:

Bulettin ta' min kien ikun fil-habs ta' Corradino.

Fil-Pagna 39:

Bulettini ta' qabel, u wara' l-Precett, fil-Birgu u fir-Rahal Gdid

- o O o -

PANEM CŒLESTEM ACCEPIT
TEMP. PASCH
IN S. INS. COLL. MAT. ET. PAR. ECCLESIA
**S. LAURENTII L. M.**
CIVITATIS VICTORIOSÆ
A. D. 1930.
*Can. Josephus M. Farrugia D.D.*
*Archipresbyter.*

SIGNUM ADMISSIONIS
AD PASCH. PRÆCEP. ADIMP.
IN S. INS. COLL. MAT. ET. PAR. ECCLESIA
**S. LAURENTII L. M.**
CIVITATIS VICTORIOSÆ
A. D. 1930.
*Can. Josephus M. Farrugia D.D.*
*Archipresbyter.*

PRÆCEPTUM PASCHALE
IN
ADIM [PAROEC: CHRISTI REGIS — PAULÆ ~ MELITÆ] PLEVIT
Par. A. Agius 1963
~~Mons. Franciscus Xuereb P.E.P. 1962.~~
~~Parochus~~

ADPROBATUR
AD SSMAM EUCHAR. SUMENDAM
IN SANCTA PARŒCIALI ECCLESIA
PAGI PAULÆ
A. D. 1955
Par. A. Agius
1963
~~Sac. Franciscus Xuereb~~
~~Parochus~~

MODERN PRESS, ZEJTUN




Karmenu Zerafa: attur
komiku tal-palk.(ara Pag.51)